# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru. 1496

KAZ NRU. 1052

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Saviour sive Silvio Farrugia

u

Lawrence Quintano & Co Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum : 30 ta' Marzu, 2004

**Chairman : Is-sur Colin Tabone**

Dan il-kaz gie riferit mill-Onor. Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani b'ittra datata 26 ta' Gunju, 1996 b'riferenza ME 4/95/160/III biex il-kaz jigi trattat mit-Tribunal Industrijali skond il-provvediment ta' l-Art. 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellant kien assistit mill-avukat J.R. Micallef (illum Imhallef), waqt li s-socjeta' kienet rapprezentata mis-sur Sergio Galea assistit l-ewwel mill-avukat Raphael Fenech Adami, u wara mill-avukat Simon Tortell.

L-appellant permezz tad-dikjarazzjoni tal-kaz, stqarr li kien gie mpjegat bhala Sales Manager f'Novembru, 1994 u kellu numru

ta' sales representatives jahdmu taht id-direzzjoni tieghu. Huwa ddikjara li qatt ma kellu problemi dwar imgieba, hila jew dixxiplina u li qatt ma nghata xi twissija, la bil-fomm u lanqas bil-miktub. Ghal kuntrarju, ghax wara xi zmien huwa nghata remunerazzjoni ahjar. Huwa kien jiehu parti attiva fid-decizjonijiet kummercjali tal-kumpanija. Ghal xi zmien kien jaqa' taht id-direttur Sergio Galea u wara taht id-direttur Victor Refalo.

L-appellant iddikjara li fil-11 ta' Gunju, 1991 gie pprezentat b'nota fejn gie mgharraf li l-impjieg tieghu mal-kumpanija gie tterminat. Jiddikjara wkoll li sal-lum ebda raguni ma nghatat ghat-tkeccija tieghu.

Min naha taghha, l-kumpanija ddikjarat li l-appellant gie ngaggat bhala Sales Manager b'responsabbilta' tas-setturi tar-retail u l-wholesale b'numru ta' salesmen taht it-tmexxija tieghu. Kien hemm ukoll it-tmexxija tad-dipartiment li jizgura li l-prodotti tad-ditta jigu mqassma lill-klijenti u li l-klijenti jigu moghtija servizz regolari .

L-appellant kellu jimxi skond id-direttivi u l-policies. Kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn ma mexiex skond dawn id-direttivi u f'numru ta' okkazzjonijiet giet migbuda l-attenzjoni tieghu. Minkejja dan, l-appellant ghazel li jmexxi d-dipartiment b'mod mhux kompatibbli ma' l-esigenzi tal-kumpanija. Il-kumpanija semmiet hames okkazzjonijiet fejn l-appellant naqas.

F'Novembru, 1994, kien gie deciz li s-sales department li kien jaqa' taht id-direzzjoni ta' l-appellant, jinqasam fi tnejn - sezzjoni ghal Dairy and Meat Products, u ohra ghall-Groceries.

Giet ingaggata persuna biex tiehu hsieb il-Groceries u b'hekk is-sur Farrugia jkun jista' jikkoncentra ruhu ghas-sezzjoni tad-Dairy u Meat Products. Kien jidher li l-appellant m'iggradix dan u beda jindahal fl-attivitajiet tas-sezzjoni l-ohra.

B'konsegwenza l-Bord tad-Diretturi nkariga lill-Financial Director, is-sur Victor Refalo li kien responsabbli mid-dipartiment tas-sales, biex ilaqqa' il-kapijiet tad-dipartiment biex jigu ccarati numru ta' punti. Din il-laqgha kient iffissata ghas-6 ta' Gunju, 1996. L-appellant li kien avzat ghal din il-laqgha m'attendiex u meta gie kkuntattjat ikkonferma li ma kiex ser jattendi u jekk irid is-sur Refalo "jista' jkeccini".
Wara l-Bord tad-Direttur gie mlaqqa' u ttermina l-impjieg ta' l-appellant.

Wara t-tkeccija nstab li l-problemi li kien hemm kienu akbar milli mmaginaw.

Gew ipprezentati numru ta' dokumenti u issejhu numru ta' xhieda miz-zewg partjiet.

**Osservazzjonijiet**

Dan il-kaz ittawwal ghal diversi ragunijiet, u ghal dan naghmel apologija liz-zewg partijiet.

It-Tribunal f'dan il-kaz irid jistabbilixxi jekk it-tkeccija ta' l-appellant kienetx gustifikata, necessarja jew le.

Tul is-smiegh tax-xhieda smajna diversi veduti. Jidher car li l-affarijiet fil-kumpanija interpellata ma kienux mexjin harir. Jirrizulta li kien hemm sitwazzjoni fejn il-bejgh ma kienx miexi f'livelli ppjanati. Saret divizjoni ta' responsabbiltajiet fl-amministrazzjoni tal-bejgh. Kien hemm nuqqas ta' qbil kif ix-xoghol ta' barra jitqassam, u x'rotot jinghataw. Kien hemm rapporti u laqghat dwar kif is-sitwazzjoni setghet tirranga. Inghataw struzzjonijiet - mhux dejjem segwiti. Hareg ukoll car li r-relazzjonijiet ta' l-appellant mad-diretturi ma kienetx mill-ahjar. Rajna wkoll ir-rwol tac-Chairman tal-kumpanija li mieghu l-appellant kellu relazzjoni tajba.

Dan il-background li wassal ghat-terminazzjoni.

Osservazzjoni li trid issir hi, li l-appellant kellu kwalitajiet privati fil-bejgh ta' dan il-generu. Tant hu hekk, ic-Chairman rega' baghat ghalih it-tieni darba. Ma jfissirx pero' li l-appellant kellu xi *"mano libera"* biex jagixxi kif irid, kellu jmexxi d-dipartiment fuq id-direttivi tad-diretturi. Fil-fatt, kien jimxi fuq dawn id-direttivi? Il-kummenti li jinghad li l-appellant ghamel qabel il-famuza laqgha li m'attendiex, juru li l-atmosfera ma kienetx tirrenja.

Il-vera raguni ghaliex l-appellant m'attendiex ghal din il-laqgha ma hargitx cara. Il-kummenti maghmula forsi jahbu l-istat ta' l-animu tieghu fejn kien rassenjat b'dak li kien ser jigri.

Id-decizjoni unanima tal-Bord tad-Diretturi hija sinifikanti.

**Konkluzzjoni**

Minn dak li ntqal, it-tkeccija kienet l-ahhar staffa ta' dak kollu li kien qieghed jinbena fir-relazzjonijiet bejn l-appellant u d-diretturi, kienet relazzjoni difficli.

It-Tribunal ihoss li f'azjenda irid ikun hemm ingredjenti li flimkien jigbdu fl-istess direzzjoni. Il-"*chemistry*" f'dan il-kaz kien nieqes u allura dahlet il-kultura ta' mistrust, misinformation, u pregudizzi.

Issemma hafna l-fatt tal-Warnings, id-definizzjoni tal-Warnings. F'dan il-kaz, id-definizzjoni migjuba kient pjuttost dejqa. Twissijiet jistghu ikollhom diversi forom u mhux bilfors bil-miktub. It-tip ta' warnings ivarjaw minn kategorija ta' xoghol ghall-iehor.

Il-konkluzzjoni li wasslet ghat-tkeccija ta' l-appellant, li z-zewg partijiet kellhom in-nuqqasijiet serji. Sew id-diretturi u sew l-appellant.

Huwa fatt li l-appellant bhala mpjegat tal-kumpanija ghandu isegwi d-direttivi li jigu moghtija. Hawnhekk l-appellant naqas.

**Decizjoni**

It-Tribunal wara li qies l-argumenti u l-fatti f'dan il-kaz iqis li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant ma kienx kontra l-Ligi.

Ghal finijiet ta' l-Avviz Legali Nru. 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbghin lira Maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Colin Tabone
CHAIRMAN

Mary Rose Galea
Ghas-SEGRETARJU